

Awwissu 2018 — Ħarġa 313

# Holqa Bejnietna

Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Inżommu relazzjoni tajba ma' Alla u bejnietna

Is-sajf huwa żmien tajjeb ħafna biex nerġgħu niffokaw mal-familja tagħna fuq dak li jsawwarna bħala familja. Dawn il-ġranet sajfin iservu biex napprezzaw aktar lil xulxin meta nkunu nistrieħu ftit flimkien. Hu żmien ukoll sabiex inkabbru fina ukoll il-fidi tagħna f'Alla ħalli nsaħħu l-ħbiberija tagħna miegħu u mal-komunità li ngħixu fiha.

**Ejjew nagħmlu użu tajjeb mis-sajf**

Il-qawwa tal-fidi tagħna tkun fil-milja tagħha fil-preżenza ta' Kristu f'nofsna fil-quddiesa, fl-Ewkaristija u fl-għaqda tal-miġemgħa preżenti. Għalhekk huwa importanti li nirreżistu t-tentazzjoni li naqbżu l-quddiesa għax is-sajf jew għax inkunu vaganza x'imkien. L-ewwel u qabel kollox nieħdu ħsieb li nieħdu l-familja kollha l-knisja u nattendu flimkien għall-quddiesa. Imbagħad ħalli mmorru xi mkien ta' divertiment wara.

Biex tħobb lil Alla aħjar, trid tkun taf fuqu. Kemm inkunu għaqlin jekk kuljum insibu ftit ħin u naqraw






xi silta mill-Bibbja, xi ktieb reliġjuż jew bijografija ta' nies qaddisa. Lit-tfal u ċ-ċkejknin tagħna, ikun tajjeb li flimkien magħhom ninġabru u ngħidulhom storja mill-Evanġelju jew xi fatt minn xi ħajja qaddisa ta' tfal daqshom jew ftit ikbar minnhom.

J'Alla li matul is-sajf 2018, ikollna ċ-ċans nieqfu ftit u nitgħallmu kif nissimplifikaw ħajjitna anke taħt l-istess saqaf tad-dar tagħna. Ejjew nipperswadu lit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna kemm hu importanti li ngħixu r-relazzjoni tagħna m'Alla fil-konkret. Dan nistgħu nagħmluh b'ħafna modi: bħal meta nisimgħu lil xulxin, nitkellmu flimkien bħala familja, nieħdu ħsieb lil xi ħadd waħdu, naqdu lin-nanniet, inżuru lill-morda u anke ngħinu u nieħdu sehem f'xi attività tal-parroċċa tagħna.

Kunu mberkin<br>
Dun Roderick Camilleri<br>
Kappillan

# Kollox Rigal



Karl Frendo Cumbo

***Kien lejn l-aħħar tal-2005 meta rajt appartament f'Wied il-Għajn li eventwalment xtrajtu. Wara li armajtu, bdejt ngħix fih f'Ġunju tal-2008.***

Waħda mill-veritajiet li għaraft f'ħajti hi li kollox hu rigal, imsellef lili għal ħin li għandu tmiem, bħalma wara kollox hi ħajti nfisha.

Kważi kull nhar ta' Ħadd niltaqa' mal-ħbieb id-dar tiegħi biex noqogħdu nsajru, naraw xi film/logħba futbol jew nilagħbu xi 'board game'. Il-mentalità tiegħi hija li l-bieb hu miftuħ għal kulħadd u għal kull età. Il-ħbieb iġibu l-ħbieb u l-appartament ma damx ma ħa l-laqam ta' 'Il-każin'. Dal-post żgur serva biex jinbtu ħbiberiji ġodda, jissudaw ħbiberiji eżistenti u post fejn fi tmiem il-ġimgħa wieħed jistrieħ f'ambjent fejn iħossu milqugħ.

Apparti dan, matul il-ġimgħa l-post jilqa' wkoll studenti ta' 'Mathematics and Beyond'. Din hi organizzazjoni li toffri edukazzjoni ħolistika u ndividwali permezz ta' għajnuna fil-Matematika, Malti u Fiżika (*Physics*) skont *www.mathematicsandbeyond.org*. B'hekk mijiet ta' studenti dawn l-aħħar snin kellhom l-opportunità li jitgħallmu u jikbru f'ambjent pożittiv.

Kienet grazzja kbira li nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 2018 iċċelebrajna 10 snin mit-twaqqif ta' 'Il-każin'. Fiha nkludejna wkoll quddiesa ta' ringrazzjamen,t iċċelebrata mill-kappillan Dun Roderick Camilleri.





"Dal-post żgur serva biex jinbtu ħbiberiji ġodda, jissudaw ħbiberiji eżistenti."





# Abramo Community

Luca Zaltron

St. John Paul II believed that families are of vital importance for a new springtime of the evangelization because the “sacrament of marriage is a sign of God’s work in the world; it reveals and points to the origin of its existence, God”. (Familiaris Consortio 48).

Enlighted by this words the Abramo Community is sending some families from Italy to live a time of mission during the month of August 2018 in Marsaskala to celebrate the "Joy of His Love" as part of the project of Evangelisation with the authentic copy of the Holy Shroud.

During the month there will be various moments of prayer, witnesses and worship to experience the Joy of the Love of God! The conclusion will be on Saturday 18th August with the celebration of the Holy Mass at 20.00 in the presence of the Holy Shroud.





**Families are of vital importance for a new springtime of the evangelization**



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Awwissu 2018

| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-Erbgħa | Fid-9:00am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 3 | Il-Ġimgħa | **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.** Wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **5** | **Il-Ħadd** | **It-18-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** Fid-9:15am Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-Festa u wara jsir id-dħul tal-Istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa. |
| 6 | It-Tnejn | **It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.** |
| 7 | It-Tlieta | Fis-7.00pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fil-Villa Apap Bologna. |
| 8 | L-Erbgħa | Fid-9:00am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 10 | Il-Ġimgħa | Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Grupp Legion of Mary, u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna li toħroġ mill-Knisja Parrokkjali sal-bandli. Matul il-purċissjoni nitolbu it-talba tar-rużarju. |
| **12** | **Il-Ħadd** | **Id-19-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 14 | It-Tlieta | Billi jaħbat lejlet il-festa ta' Santa Marija, il-quddies ikun fis-6:30pm u fit-8:00pm. |
| **15** | **L-Erbgħa** | **It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Verġni.** Il-quddiesa fil-knisja jkun bħal ta' nhar ta' Ħadd: fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:30am u fis-6:00pm. |
| 18 | Is-Sibt | Fil-5.15pm Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fit-8:00pm Quddiesa bil-preżenza tal-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu u wara Adorazzjoni animata mill-*Communità Abramo*. |
| **19** | **Il-Ħadd** | **L-20 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 22 | L-Erbgħa | Fid-9:00am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 25 | Is-Sibt | Lejla Maltija organizzata mill-voluntiera tal-Parroċċa tagħna fuq is-simenta. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. |
| **26** | **Il-Ħadd** | **Il-21 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 27 | It-Tnejn | Fis-6:30pm Quddiesa fil-knisja u wara l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina. |
| 29 | L-Erbgħa | Il-Martirju ta' San Ġwann Battista.<br>Fid-9:00am quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b'mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**